FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR: DR JOSEPH REFALO LL.D. Adv.Trib.Eccl.Melit,**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 26 ta' Ottubru, 2001**

**Numru 16**

**Avviz. numru 908/01JR**

**Maltacom p.l.c.**

**vs**

**Alfred u Josephine konjugi Schembri**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-7 ta' Settembru, 2001, fejn intalab il-hlas ta' tlett mija u sittin lira Maltija u hamsa u sebghin centezmu (Lm360.75), liema ammont huwa dovut lis-socjeta` attrici in konnessjoni mas-servizz tat-telefon bin-numru (skond ma jirrizulta mill-anness prospett Dok.A) liema servizz kien installat fil-fond Block J, Flat 3, Laqxija, Housing Estate, B'Kara, (skond ma jirrizulta mill-anness prospett Dok.B).**

**Illi l-konvenuti gew interpellati sabiex ihallsu izda baqghu nadempjenti.**

Ghaldaqstant qed jigi mitlub li l-konvenuti jigu kkundannati jhallsu lis-socjeta` attrici s-somma ta' tlett mija u sittin lira Maltija u hamsa u sebghin centezmu (Lm360.75), kif jinghad fuq, bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra interpellatorja datata 23 ta' Marzu, 2001, u bl-imghaxijiet u bil-konvenuti ngunti ghas-subizzjoni.

Ra n-nota ta' ammissjoni prezentata mill-konvenuti fit-18 ta' Ottubru, 2001.

Ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant, fuq ammissjoni, it-Tribunal jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenuti jhallsu lis-socjeta` attrici l-ammont ta' tlett mija u sittin lira Maltija u hamsa u sebghin centezmu (Lm360.75), bl-imghaxijiet legali mis-7 ta' Settembru, 2001.

L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk ta' l-ittra interpellatorja datata 23 ta' Marzu, 2001, ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenuti.

Dr Joseph Refalo
GUDIKATUR